**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 36**
**It-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2022 fis-6:00 p.m.**

**KUNSILL LOKALI TA' SAN PAWL IL-BAĦAR – STALLAZZJONI TA' SINJAL "NO DOGS ALLOWED" FIX-XEMXIJA**

**1082. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jikkwota liema liġi jew byelaw ippermetta lill-Kunsill lokali ta' San Pawl il-Baħar jinstalla sinjal "no dogs allowed" fix-Xemxija fi spazju miftuħ faċċata tal-baħar fit-Triq Xemxija Hill (eżatt qabel ir-restaurant Beacheaven; ritratti mehmuża)?

Jista' l-Ministru, li għandu l-awtorità li jiżgura li d-drittijiet tal-annimali u tas-sidien tagħhom ikunu mħarsa, jgħid jekk din it-tabella hijiex diskriminatorja kontra l-annimali u sidien tagħhom la huwa post pubbliku?

27/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninsab infurmat li t-tabella 'no dogs allowed' il-Kunsillmhux infurmat dwarha. Peress li tali tabella mhix waħda regolata bir-regolamenti tas-sinjali ta' Transport Malta, il-Kunsill ser jiġi direzzjonat sabiex it-tabella tinqala'.

Fil-fehema tiegħi bħala Ministru responsabbli mid-drittijiet tal-annimali, inħoss li m'għandux ikun hemm restrizzjonijiet *oltre* minn dawk li jirrigwardaw is-saħħa pubblika.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - KONSULENZI**

**1137. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlametari 342 u jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

31/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET - SPIŻA FUQ SAFAR, MOBILES U FUEL**

**1181. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 350 u jelenka l-ispejjeż tas-safar, mowbajls u fjuwil, miċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu mill-2017 sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

31/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET - SPIŻA FUQ SAFAR, MOBILES U FUEL**

**1182. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 353 u jelenka l-ispejjeż tas-safar, mowbajls u fjuwil, miċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu mill-2017 sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

31/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li tiegħu jien resposabbli, mhumiex intitolati u għaldaqstant ma jsiru l-ebda spejjeż ta' safar, mowbajls u fjuwil.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET - SPIŻA FUQ SAFAR, MOBILES U FUEL**

**1183. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 349, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jelenka l-ispejjeż tas-safar, mowbajls u fjuwil, miċ-Chairpersons tal-Bordijiet kollha relatati mal-Ministeru għas-Saħħa u li jaqgħu taħtu mill-2017 sal-jum li fih tiġi mwieġba din l-interpellanza?

31/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista bl-ispejjeż tas-safar, mowbajls u fjuwil, miċ-Chairpersons tal-Bordijiet kollha relatati mal-Ministeru għas-Saħħa.

Seduta 36
24/10/2022

**AĠENZIJA ĠDIDA LI TINVESTIGA L-AJRU, IL-BAĦAR U L-INĊIDENTI TAT-TOROQ**

**1452. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-aġenzija l-ġdida mwiegħda li tinvestiga l-ajru, il-baħar u l-inċidenti tat-toroq ġietx komposta minn unità TSIA mwiegħda fl-2020? Jekk le, jista' jispjega għaliex? Meta se tkun komposta?

09/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-entità l-ġdida li tinvestiga inċidenti u aċċidenti tal-ajru, baħar u toroq, qiegħda fil-proċess li tiġi mwaqqfa. L-entità l-ġdida hija mistennija li taħdem separatament, imma fil-qrib mal-Pulizija, u mal-ġudikatura fejn u meta tinfetaħ inkjesta maġisterjali. Allura, dan irrikjeda proċess tekniku u delikat biex jiġi aċċertat li l-ebda investigazzjoni ma xxekkell u/jew tikkomprometti lil oħra. Il-proċess kien jinkludi wkoll l-abbozzar ta' liġijiet ġodda imma wkoll abbozzar t'emendi f'numru ta' liġijiet eżistenti, wara sensiela ta' laqgħat li saru, u għadhom qed isiru mal-awtoritajiet ikkonċernati. Il-pjan huwa li l-entità l-ġdida titwaqqaf sa November 2023.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – PERSUNI IMPJEGATI RELATATI MAS-CEO JEW CHAIRPERSON TA' XI AWTORITÀ**

**1794. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-entitajiet u fl-awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità? X'inhu l-job designation tagħhom? Jekk it-tweġiba hi fil-pożittiv, jista' l-Ministru jgħid kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-uniċi persuni, kif indikat, fl-entitajiet jew awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi jinsabu fl-Università ta Malta. Waqt li l-informazzjoni kollha qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, infakkar li r-Rettur attwali, il-Professur Alfred J. Vella, inħatar f'din il-kariga fl-2016.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – PERSUNI IMPJEGATI RELATATI MAS-CEO JEW CHAIRPERSON TA' XI AWTORITÀ**

**1795. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-entitajiet u fl-awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità? X'inhu l-job designation tagħhom? Jekk it-tweġiba hi fil-pożittiv, jista' l-Ministru jgħid kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba hija fin-negattiv.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – PERSUNI IMPJEGATI RELATATI MAS-CEO JEW CHAIRPERSON TA' XI AWTORITÀ**

**1796. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-entitajiet u fl-awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità? X'inhu l-job designation tagħhom? Jekk it-tweġiba hi fil-pożittiv, jista' l-Ministru jgħid kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-entitajiet li jagħmlu parti mid-dekasteru tiegħi m'hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – PERSUNI IMPJEGATI RELATATI MAS-CEO JEW CHAIRPERSON TA' XI AWTORITÀ**

**1797. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-entitajiet u fl-awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità? X'inhu l-job designation tagħhom? Jekk it-tweġiba hi fil-pożittiv, jista' l-Ministru jgħid kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-ebda entitajiet u awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi m'hemm persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità.

Seduta 36
24/10/2022

**ENEMALTA - EXECUTIVE DIRECTOR TAL-FINANZI**

**1798. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt tal-impjieg tal-Executive Director tal-Finanzi tal-Enemalta? Peress li l-aħħar audited accounts li ġew ippubblikati juru li l-Enemalta tilfet għexieren ta' miljuni f'sena waħda biss, tista' l-Ministru tikkonferma jekk din il-persuna responsabbli mill-finanzi, ingħatax żidiet kemm ilha tokkupa din il-kariga u kemm kienu?

20/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** L-audited accounts li qed jirreferi għalihom l-Onor. Interpellant jindikaw biċ-ċar li t-telf soffert mill-EneMalta kien riżultat ta' diversi fatturi internazzjonali, it-tnaqqis fid-dħul li kkawżat il-pandemija u l-ispejjeż relatati mal-inċident tal-interconnector.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt mitlub. Il-kundizzjonijiet applikabbli huma dawk stabbiliti għal pożizzjonijiet simili fil-livell maniġerjali u kwalunkwe żieda titħallas skont il-provvedimenti tal-istess kuntratt.

Seduta 36
24/10/2022

**IL-MOSTA - CAMERAS**

**1799. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kameras fil-Mosta, li twaħħlu sabiex jaqbdu lil min iħammeġ u jikser il-liġi, jaħdmux? Inħarġu xi multi fil-konfront ta' min inqabad iħammeġ jew jikser il-liġi?

20/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kemm il-Pulizja u kemm l-Aġenzija LESA mhumiex is-sidien tal-cameras fil-Mosta, li qed jirreferi għalihom l-Onor. Interpellant. Għalhekk nitolbu jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 36
24/10/2022

**KALKARA: ĠNIEN IR-RINELLA - XOGĦLIJIET**

**2320. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinforma lill-Kamra x'xogħlijiet huma previsti li jsiru fi Ġnien ir-Rinella, il-Kalkara tul din is-sena?

30/08/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ġnien Rnella infetaħ nhar l-Erbgħa u se jservi bħala spazju aħdar għar-rikreazzjoni soċjali kemm għall-familji u kif ukoll għat-turisti, mingħajr ma tilef il-prestiġju storiku tiegħu.

Dan il-proġett qed iħares l-użu ta' enerġija rinnovabbli, il-konservazzjoni tal-ilma u l-protezzjoni tal-ambjent naturali. L-introduzzjoni ta' solar paving, smart benches u kif ukoll solar smart bins, jifformaw parti minn strateġija ferm akbar li tenfasizza l-importanza ta' enerġija nadifa u arja aħjar. Is-Solar Paving se jkun qed jiġġenera biżżejjed enerġija għall-użu tal-ġnien.

L-ilma tax-xita kollu li jaqa' ġewwa l-ġnien qed jinġabar f'erbat ibjar u wara jkun jista' jintuża għat-tisqija neċessarja f'sistema ta' irrigazzjoni awtomatika. Fiċ-ċentru tal-Belvedere ġiet installata 'drinking water fountain', li se tkompli żżid l-faċilitajiet għal-viżitaturi tal-istess ġnien. Tħawlu numru ta' siġar u pjanti indiġeni biex joffru ambjent isbaħ li jkun jista' jservi bħala spazju edukattiv għall-istudenti u l-familji.

Seduta 36
24/10/2022

**SANTA LUĊIJA: ĠNIEN IĊ-ĊINIŻI - XOGĦLIJIET**

**2321. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinforma lill-Kamra x'xogħlijiet huma previsti li jsiru fi Ġnien iċ-Ċiniżi, Santa Luċija tul din is-sena?

30/08/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-proġett fuq spazju miftuħ ġewwa Ġnien is-Serenità f'Santa Luċija qiegħed fl-istadju ta' evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti. Dan is-sit se jiġi trasformat fi spazju rikreattiv ieħor mhux biss għat-tfal imma għal persuni ta' kull età.

Seduta 36
24/10/2022

**RAĦAL ĠDID – TRIQ IĊ-ĊIMITERJU - XOGĦLIJIET**

**2325. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari preċedenti, jista' l-Ministru jgħid għala Triq iċ-Ċimiterju f'Raħal Ġdid sal-bidu ta' Settembru 2022 kienet għadha mhux lesta?

05/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi x-xogħol fi Triq iċ-Ċimiterju, f'Raħal Ġdid, baqa' għaddej matul is-sajf.

Infurmat ukoll li sal-bidu ta' Settembru, x-xogħol ta' tqegħid tal-art tal-qawwi kien prattikament lest. Dan ix-xogħol dam ftit iktar milli mistenni minħabba xogħlijiet infrastrutturali li nqalgħu mal-proġett, li ma kinux previsiti. F'dan l-ambitu, infurmat ukoll li ċertu dewmien kien attribwit ukoll minħabba l-koordinament neċessarju mal-entitajiet kollha responsabbli.

Finalment, infurmat li x-xogħlijiet ta' pavimentar issa huma kompluti u l-proġett ser ikompli bit-tisbiħ tat-triq b'bankijiet u planters.

Seduta 36
24/10/2022

**ATTI RELATTIVI GĦALL-ISTIMI TAL-PROPJRETAJIET TAL-WAR DAMAGE**

**2326. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid fejn jinsabu l-atti relattivi għall-istimi tal-proprjetajiet tal-War Damage li għal xi żmien kienu fil-bini tal-Monte Di Pietà?

05/09/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 36
24/10/2022

**ATTI RELATTIVI GĦALL-ISTIMI TAL-PROPJRETAJIET TAL-WAR DAMAGE**

**2327. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid fejn jinsabu l-atti relattivi għall-istimi tal-proprjetajiet tal-War Damage li għal xi żmien kienu fil-bini tal-Monte Di Pietà?

05/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Arkivji Nazzjonali għandu kollezzjoni ta' materjal tal-War Damage li tkopri s-snin 1945-1955 u tiġbor fiha rekords tal-Building Control Board. Infurmat li dawn ġew mill-Awtorità tal-Ippjanar u mhux mill-Monte di Pietà.

Seduta 36
24/10/2022

**IL-FGURA – TRIQ SANT ANTNIN - TINDIF**

**2328. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jara jekk hux possibbli li Triq Sant'Antnin fil-Fgura jkollha tindif iktar regolari tul il-ġimgħa?

05/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Fgura li t-tindif fi Triq Sant'Antnin fil-Fgura qed isir skont it-tender document, kif miftiehem u maqbul mill-Kunsill.

Seduta 36
24/10/2022

**GĦAWDEX – XOGĦOLIJIET FIT-TOROQ**

**2510. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1672, li ngħatat fil-21 ta' Ġunju 2022, rigward kemm fl-aħħar żewġ leġiżlaturi (2013–2022) saru toroq jew partijiet minn toroq f’Għawdex li ngħataw il-base course biss u sal-lum għadhom ma ngħatawx il-wiċċ finali, fejn ġie mwieġeb li “ix-xogħol fuq il-maġġor parti tagħhom għadu għaddej”, jista’ l-Ministru jgħid f'kull triq li ssemmiet fit-tweġiba meta nbeda x-xogħol fuqha, kemm tħallsu flus sa issa fuq kull triq, liema xogħlijiet għad fadal isiru u fiex jikkonsistu, u meta se jingħata l-wearing course? Jista’ jagħti area f’metri kwadri li għadha bil-base course ta' dawn l-imsemmija toroq?

27/09/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u tingħata f’xi seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**ĦADDIEMA TAD-DIPARTIMENT TAL-EDUKAZZJONI F’GĦAWDEX**

**2523. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fejn ġew stazzjonati l-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni f'Għawdex li qabel kienu jaħdmu mill-uffiċċju fi Triq l-Ewropa fir-Rabat, Għawdex? Jista' jgħid kif intgħażel dan il-post? Jista' jgħid jekk inħarġitx sejħa qabel ġie magħżul il-post? Jista' jgħid ukoll għal kemm żmien inkera l-post u kemm qed titħallas kera fix-xahar għal dan l-użu?

28/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħaddiema msemmija ġew stazzjonati ġewwa post li hu proprjetà u kif ukoll amministrat minn entità tal-Gvern u għalhekk ma nħarġet l-ebda sejħa pubblika.

Seduta 36
24/10/2022

**GOZO SPORTS COMPLEX - ĦADDIEMA**

**2524. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fejn huma stazzjonati l-ħaddiema kollha li kienu jaħdmu l-Gozo Sports Complex, minn meta ngħalaq dan il-kumpless sal-lum? Jista' jgħid jekk kienx hemm il-ħtieġa li jinkera post biex minnu jaħdmu dawn il-ħaddiema? Jista' jgħid ukoll kif inkera dan il-post u kemm qed jitħallas fix-xahar għall-kirja ta' dan il-post? Jista' jgħid jekk inħarġitx sejħa għall-kiri ta' dan il-post?

28/09/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn meta ngħalaq il-Kumpless Sportiv minħabba r-rikostruzzjoni tal-istess kumpless u l-pixxina, il-ħaddiema kif ukoll parti mill-operat kienu ġew trasferiti għall-iskola Sir M.A. Refalo ġewwa l-belt Vittorja.
Minħabba li din il-parti tal-iskola kienet ser tibda tiġi utilizzata mill-istudenti, saru diversi taħdidiet mal-Ministeru għall-Edukazzjoni biex jinstab post alternattiv però l-ebda post ma nstab li jista' jakkomoda sala mdaqqsa fejn jintlagħab logħob ta' ġewwa.
Eventwalment instab post adegwat fil-Każin tal-Banda ta' Kerċem fejn hemm sala kbira li tista' takkomoda logħob ta' ġewwa. F'Settembru ta' din is-sena ftit mill-ħaddiema ġew trasferiti għal din is-sala u ftit oħra fl-iskola Primarja ta' Kerċem li tinsab faċċata ta' dan il-każin. Il-kirja hija ta' €8,000.00 fis-sena.

Seduta 36
24/10/2022

**ĊENTRU TAL-UNIVERSITÀ - IX-XEWKIJA – XOGĦLIJIET FUQ L-ESTENSJONI**

**2543. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ix-xogħol fuq l-estensjoni taċ-Ċentru tal-Università fix-Xewkija Għawdex jidher li waqaf għalkollox u issa ilu wieqaf? Jista' jgħid din l-estensjoni meta hu maħsub li tkun lesta minn kollox u tibda tintuża?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dewmien ġie kkawżat minħabba li l-proċess tal-evalwazzjoni għall-offerti tat-tender maħruġ mill-Università ta' Malta biex jitlestew ix-xogħlijiet kellu jerġa jibda mill-ġdid peress li l-ebda offerta ma kienet compliant.

Seduta 36
24/10/2022

**IR-RABAT (GĦAWDEX) – GOZO MUSEUM - XOGĦLIJIET**

**2544. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li jitlesta x-xogħol fuq il-Gozo Museum fir-Rabat, Għawdex? Jista' jgħid għaliex ix-xogħol jidher li miexi bil-mod? Jista' jgħid ukoll sa issa kemm intużaw fondi tal-Unjoni Ewropea li kienu allokati fuq dan l-istess proġett?

30/09/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-Mużew jinstab biswit sala tal-eżamijiet u tliet skejjel, għalhekk il-pass tax-xogħlijiet dejjem ikun skont l-esiġenzi tal-istudenti u b'kollaborazzjoni mal-Kulleġġ ta' Għawdex u d-Direttorat tal-Eżamijiet.

Minn barra hekk, ix-xogħlijiet isiru taħt superviżjoni kontinwa tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Dan għaliex waqt ix-xogħlijiet ta' skavar instabet żona arkeoloġika ta' madwar 960 metru kwadru tal-perjodu Ruman, li qatt ma nstabet bħalha f'pajjiżna. B'hekk din is-sejba unika ġiet protetta u integrata fil-Mużew ta' Għawdex. Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' din iż-żona, ix-xogħlijiet dejjem saru b'kawtela.

Rigward il-fondi tal-Unjoni Ewropea diġà ngħatat risposta fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 17678.

Seduta 36
24/10/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2606. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab nfurmat kif hawn anness:

| **Entità** | **Sena** | **Lil min** | **Valur tal-Kuntratt** |
|---|---|---|---|
| **Ammont eskl. VAT** | | | |
| MCESD | 2018 | E-Cubed Consultants | €60,241.06 |
| MCESD | 2019 | E-Cubed Consultants | €42,559.66 |
| MCESD (National Productivity Board) | 2019 | Ernst&Young | €18,644.00 |
| MCESD (NPB) | 2020 | Dr Philip Von Brockdorff | €13,559.32 |
| MCESD (NPB) | 2020 | Dr Ian P. Cassar | €13,559.32 |
| MCESD (NPB) | 2020 | Dr Stephanie Fabri | €13,559.32 |
| MCESD | 2021 | Kirsten Cutajar Miller | €10,410.00 |
| MCESD (NPB) | 2021 | Seed Business advisory Ltd | €68,000.00 |
| MCESD (NPB) | 2022 | Prof Philip Von Brockdorff, Dr Ian P Cassar u Dr Jonathan Spiteri | €45,360.00 |

Seduta 36
24/10/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2607. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li ma ngħatat l-ebda konsulenza mis-Segretarjat Parlamentari kif indikat mill-Onor. Interpellanta.

Seduta 36
24/10/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2608. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretatrju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2609. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill Onorevoli Interpellant li skond l-informazzjioni provduta lili mis-Segretarju Parlamentari ma hemmx advisors fl-entitajiet li jaqgħaw taħtu

Seduta 36
24/10/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2610. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** B'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari PQ 2610, l-Onor. Interpellant għandu jkun infurmat illi l-informazzjoni mitluba qiegħda tiġi mwieġba hawn taħt.

| Advisors fuq Kuntratti/Direct Orders mill-2018 - 2022 | | |
|---|---|---|
| **Sena** | **Advisors fuq Kuntratti/Direct Orders** | **Valur € (Inc. VAT)** |
| **Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence** | | |
| January 2019 - December 2019 | Advisor | €9,520.00 |
| January 2020 - June 2020 | Advisor | €4,550.00 |
| | **TOTAL** | **€14,070** |
| August 2019 - August 2020 | Advisor | €30,680.00 |
| August 2020 - February 2021 | Advisor | €11,564.00 |
| February 2021 - August 2021 | Advisor | €11,564.00 |
| | **TOTAL** | **€53,808** |
| November 2020 - May 2021 | Advisor | €4,550.00 |
| May 2021 - July 2021 | Advisor | €2,100.00 |
| | **TOTAL** | **€6,650** |
| March 2021 - August 2021 | Advisor | €5,664.00 |
| September 2021 - February 2022 | Advisor | €5,664.00 |
| | **TOTAL** | **€11,328** |
| | | |
| **Human Rights Directorate** | | |

| | | |
|---|---|---|
| 2018 | Nil | |
| 2019 | Advisor | €58,240 |
| | Advisor | €36,400 |
| | **Total** | **€94,640** |
| 2020 | Advisor | €58,240 |
| | Advisor | €42,000 |
| | Advisor | €10,000 |
| | Advisor | €8,500 |
| | Advisor | €13,650 |
| | Advisor | €21,000 |
| | Advisor | €9,360 |
| | **Total** | **€162,750** |
| 2021 | Advisor | €58,240 |
| | Advisor | €42,000 |
| | Advisor | €10,000 |
| | Advisor | €13,333 |
| | **Total** | **€123,573** |
| 2022 | Advisor | €20,000 |
| | Advisor | €31,500 |
| | **Total** | **€51,500** |

Seduta 36
24/10/2022

**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2611. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**FIAU - RIKORSI KOSTITUZZJONALI**

**2804. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru rikorsi (kawżi) kostituzzjonali kontra l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) sena b'sena mill-2017 s'issa,? Jista' f'kull każ jagħti l-okkju tal-każ u fejn il-każ ġie deċiż, meta ġie deċiż?

05/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.
Infakkar lill-Onor. Interpellent li l-liġijiet ta' regolametazzjoni komplew jissaħħu fl-aħħar snin, iklużbit-traspożizzjoni ta' direttivi tal-Unjoni Ewropea u pariri li ngħataw minn entitajiet oħrajn internazzjonali, li jimponu multi eħrex għal reati serji, ripetuti jew sistematiċi.

Seduta 36
24/10/2022

**GĦADIRA BEACH CONCESSION**

**2857. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concession mil-Lands biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-bajja tal-Għadira fuq il-Mejda tal-Kamra?

10/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija waħda interna tal-Awtorita tal-Artijiet u għaldaqstant ma jkunx opportun li titpoġġa fuq il-mejda tal-kamra. Madankollu l-Onor. Interpellant se tingħata ċ-ċans li tara hi personalment id-dokument mitlub.

Seduta 36
24/10/2022

**BAJJA TA' GOLDEN SANDS – LIĊENZJA GĦALL-KIRI TA' UMBRELEL U DECKCHAIRS**

**2858. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2214, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-liċenzja biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-Bajja tal-Golden Sands?

10/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**BAJJA TAL-ARMIER – LIĊENZJI GĦALL-KIRI TA' UMBRELEL U DECKCHAIRS**

**2859. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2213, jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-liċenzji biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-Bajja tal-Armier?

10/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**ARMIER BEACH CONCESSIONS**

**2860. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jpoġġi kopja tal-beach concessions mil-Lands biex jinkrew deckchairs u umbrelel fil-Bajja tal-Armier fuq il-Mejda tal-Kamra?

10/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija waħda interna tal-Awtorita tal-Artijiet u għaldaqstant ma jkunx opportun li titpoġġa fuq il-mejda tal-kamra. Madankollu l-Onorevoli Interpellant se tingħata ċ-ċans li tara hi personalment id-dokument mitlub.

Seduta 36
24/10/2022

**DWANA – DIRETTUR ĠENERALI**

**2861. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kariga ta' Direttur Ġenerali tad-Dwana bħalissa hijiex vakanti? Jekk iva, kien hemm applikazzjonijiet biex jimtela l-post vakanti? Il-proċedura tal-applikazzjonijiet kienet konkluża? Jekk iva, għalfejn ma ġie magħżul ħadd mill-applikanti?

10/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-pożizzjoni ta' Direttur Ġenerali (Dwana) hija vakanti, madankollu l-Kummissarju għat-Taxxi reġa' ħa lura d-drittijiet, dmirijiet, setgħat u funzjonijiet kollha li huma mogħtija lilu taħt l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa u kull regolament magħmul taħthom b'effett mis-27/04/2022 (Gazzetta tal-Gvern Nru 20,855). Is-sejħa ġiet ippubblikata f'Ġunju 2022 u l-proċess tal-għażla għadu mhux konkluż.

Seduta 36
24/10/2022

**Ħ'ATTARD/ĦAŻ-ŻEBBUĠ - TOROQ**

**2862. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx intenzjoni li jiġi ffaċilitat il-vjaġġ minn Ħ'Attard għal Ħaż-Żebbuġ, u viċi versa, peress li bħalissa wieħed irid jieħu triq twila biex imur minn post għall-ieħor, fejn qabel kienet ferm eħfef biex wieħed jagħmel dan?

10/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li meta jitlesta l-Imrieħel Underpass Project, l-aċċess minn Ħ'Attard għal Ħaż-Żebbug se jkun permezz tar-roundabout il-ġdida li qed tinbena fuq il-mina li se tipprovdi rotta diretta għall-vetturi biex iduru lejn is-Central Link u għal Ħaż-Żebbuġ minn Triq Ħ'Attard. Alternattivament, l-aċċess għal Ħaż-Żebbuġ huwa possibbli wkoll mir-roundabout Ta' Srina permezz ta' Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbug (magħrufa bħala l-Bypass ta' Ħaż-Żebbug).L-aċċess minn Ħaż-Żebbuġ għal Ħ'Attard diġà jeżisti b'rotta diretta minn Triq Ħ'Attard għas-Central Link.

Bħalma għamlet il-Mini ta' Santa Luċija biex iżżid il-benefiċċji tal-Marsa Junction Project tul ir-rotta prinċipali lejn in-nofsinhar ta' Malta, Infrastructure Malta ppjanat l-Imrieħel Underpass Project biex ittejjeb l-impatti pożittivi tas-Central Link Project f'Ħ'Attard, Ħal Balzan, Birkirkara u l-Imrieħel. Il-mina ġdida tal-Imrieħel, li issa ilha miftuħa ġimagħtejn, tgħaqqad Triq l-Imdina mal-Bypass tal-Imrieħel, fil-junction ħdejn l-uffiċini tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA).

Din il-mina, twila 60 metru u b'żewġ korsiji, se tifforma parti mill-junction tar-roundabout ġdida minflok is-sistema tat-traffic lights li kien hemm qabel f'salib it-toroq bejn Ħal Balzan, Birkirkara u l-Imrieħel. Permezz tal-mina, il-fluss prinċipali tat-traffiku li minn Triq l-Imdina, f'Ħal Balzan ikun sejjer lejn il-Bypass tal-Imrieħel (Vjal ir-Royal Malta Artillery), se jinfired mill-bqija tal-traffiku li jaqsam kontra xulxin f'din il-junction.

Hekk kif se jnaqqas l-ammont ta' vetturi u l-veloċità tas-sewqan madwar ir-roundabout ġdida, l-Imrieħel Underpass Project se jippermetti l-introduzzjoni ta' punti ta' qsim aktar siguri għal dawk li jivvjaġġaw bil-mixi jew bir-rota bejn Birkirkara, l-Imrieħel u Ħal Balzan u Triq il-Ħofor, triq rurali li twassal għal Ħaż-Żebbuġ u Ħal Qormi. B'hekk, dawn il-punti ta' qsim ħdejn ir-roundabout se jkomplu jtejbu l-konnessjonijiet tar-rotta twila erba' kilometri għall-mixi u r-roti li l-aġenzija bniet diġà permezz tas-Central Link Project, bejn Ta' Qali, Ħ'Attard u Ħal Balzan.

Seduta 36
24/10/2022

**STALLAZZJONI TA' BUS STOPS**

**2970. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li r-regolatur tat-trasport pubbliku hija Transport Malta u Transport Malta taqa' taħt id-dekasteru tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, jista' l-Ministru jgħid min jiddeċiedi u jagħti l-approvazzjoni għall-istallazzjoni ta' bus stops madwar Malta u Għawdex?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta hija l-Awtorità responsabbli li tagħti approvazzjoni finali għall-installazzjoni ta' bus stops madwar Malta u Għawdex. Fil-maġġoranza tal-każi dan isir wara konsultazzjoni mal-kunsilli lokali rispettivi. Fil-każ ta' toroq ġodda jew inkella toroq li ġew "upgraded" it-twaħħil ta' dawn il-bus stops isir skont id-disinn tat-triq.

F'dawn il kaži jkun hemm konsultazzjoni bejn Infrastructure Malta u Transport Malta.

Seduta 36
24/10/2022

**GĦAQDIET TAN-NAR LIĊENZJATI**

**2971. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn għaqdiet tan-nar liċenzjati madwar Malta u Għawdex, liema huma, humiex ta' xi soċjetà mużikali partikolari jew privati u f'liema lokalità tinsab kull kamra tan-nar?

11/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:**
Ninsab infurmat illi d-dettalji dwar kmamar tan-nar liċenzjati madwar Malta u Għawdex għadhom kif kienu indikati aktar kmieni din is-sena, fit-tweġiba għall-mistoqsija numru 1264.

Seduta 36
24/10/2022

**BIRŻEBBUĠA – TRIQ TAL-ĠEBEL – TISWIJA TA' ĦITAN TAS-SEJJIEĦ**

**2972. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B' referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1261 fejn ġie mistoqsi meta u minn min se jitranġaw il-ħitan tas-sejjieħ li jinsabu fi Triq tal-Ġebel, f'Birżebbuġa, peress li parti minnhom jinsabu mwaqqgħin u qed ikunu ta' periklu għal kull min jużа din it-triq, jista' l-Ministru jgħid liema entità se tagħmel dawn ix-xogħlijiet, meta se jibdew u meta se jitlesta x-xogħol relatat biex jitneħħa l-periklu mit-triq?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Kif diġà indikajt fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1261, infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li għalkemm dan ix-xogħol ma jappartjenix lill-Kunsill Lokali, il-Kunsill Lokali rispettiv xorta waħda qiegħed jesplora kif tali xogħlijiet neċessarji jsiru bil-għajnuna ta' entitajiet oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**ŻONI INDUSTRIJALI – PARKEĠĠI GĦAL TRAILERS**

**2973. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hawnx ippjanat li jsiru parkeġġi apposta għal trailers fid-diversi żoni industrijali f'Malta?

11/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onorevoli interpellanta jirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija numru 24221 fid-19 ta' Jannar 2022.

Seduta 36
24/10/2022

**IŻ-ŻURRIEQ – XOGĦOL RELATAT MAT-TNAQQIS TAL-GĦARGĦAR**

**2974. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal ix-xogħol relatat mat-tnaqqis tal-għargħar mil-lokalità taż-Żurrieq? F'liema toroq sar ix-xogħol s'issa u f'liema toroq fadal isir ix-xogħol? Kemm hu stmat li se jiġi jiswa dan il-proġett u kemm intefqu flus s'issa? X' persentaġġ ta' xogħol sar s'issa u meta hu ppjanat li jitlesta dan ix-xogħol?

11/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li madwar nofs ix-xogħol relatat mal-proġett għat-tnaqqis tal-għargħar fil-lokalità taż-Żurrieq huwa lest. S'issa tqiegħdu katusi fi Vjal ix-Xarolla u f'iktar min-nofs Triq il-Bronja. Fadal ix-xogħol ta' tqegħid ta' katusi fil-kumplament ta' Triq il-Bronja, Triq Dun Carlo De Giovanni Inglott u Triq Dun Vincenz Schembri, kif ukoll il-bini tal-kaxxi għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita u t-tqegħid tat-tarmak fejn saru t-trinek.

L-istima tax-xogħol hija ta' madwar €904,450 u s'issa ntefqu €350,000. Huwa stmat li madwar ħamsa u erbgħin fil-mija tal-proġett huwa lest waqt li x-xogħol kollu hu ppjanat li jkun lest fil-bidu ta' Marzu 2023.

Seduta 36
24/10/2022

**ASFALTAR TA' TOROQ**

**2975. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li fejn diġà tpoġġew il-pajpijiet tal-culvert u ġiet mirduma t-trinka, il-wiċċ tat-triq ma ngħatax it-tarmak iżda minflok ingħata saff ta' konkos b'mod u manjiera li qed joħloq inkonvenjent lil dawk kollha li jużaw dawn it-toroq, kif ukoll lir-residenti ta' dawn it-toroq?

11/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li waqt l-iskavar, instab li kien hemm xi servizzi fi Vjal ix-Xarolla li jridu jiġu evalwati sabiex f'każ li jkun hemm bżonn jinbidlu qabel ma jingħata l-wiċċ tat-triq.

Hija l-proċedura li t-trinka fejn ikunu tqiegħdu l-katusi timtela b'saff ta' konkos sa wiċċ it-triq biex din tkun tista' tintuża sa ma jingħata wiċċ ġdid tat-tarmak.

Seduta 36
24/10/2022

**SIĠĠIEWI-ĦAŻ-ŻEBBUĠ JUNCTION – KONSULTAZZJONI MA' STAKEHOLDERS**

**3026. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li residenti Siġġiwin jinsabu mħassba rigward xogħol li tħabbar li se jsir fil-junction Siġġiewi-Ħaż-Żebbuġ, jista' l-Ministru jgħid jekk saritx konsultazzjoni minn qabel ma tħabbar il-proġett ma' numru ta' stakeholders? Jekk iva, jista' jagħti d-dettalji tal-konsultazzjoni li saret?

12/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2192.

Seduta 36
24/10/2022

**SIĠĠIEWI-ĦAŻ-ŻEBBUĠ JUNCTION – ALTERNATTIVI OĦRA**

**3027. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li residenti Siġġiwin jinsabu mħassba rigward xogħol li tħabbar li se jsir fil-junction Siġġiewi-Ħaż-Żebbuġ, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx alternattivi oħra għal dan l-arranġament? Jekk iva, għalfejn ma tteħdux inkonsiderazzjoni? Jista' jagħti iktar dettalji dwar it-timeframes stipulati tal-proġett?

12/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2192.

Seduta 36
24/10/2022

**SIĠĠIEWI-ĦAŻ-ŻEBBUĠ JUNCTION - STUDJU**

**3028. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li residenti Siġġiwin jinsabu mħassba rigward xogħol li tħabbar li se jsir fil-junction Siġġiewi-Ħaż-Żebbuġ, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan ħolistiku għaż-żona, liema pjan għandu jinkludi żoni bħal Ta' Farsina f'Ħal Qormi sa fejn l-iskola ta' St Dorothy's f'Ħaż-Żebbuġ?

12/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2192.

Seduta 36
24/10/2022

**PERSUNI LI JIEĦDU XI FORMA TA' PENSJONI TAĦT IS-€700 FIX-XAHAR**

**3053. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 693, 1600 u 2517 li sal-lum għadhom ma ġewx imwieġba għaliex skont il-Ministru t-tagħrif għadu qed jinġabar, minkejja li l-ewwel mistoqsija ilha li saret minn Mejju li għadda?

13/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta, li l-pensjonijiet żdiedu b'mod konsiderevoli fl-aħħar snin, grazzi għall-politika Laburista, bid-differenza minn amministrazzjonijiet preċedenti li ma żiduhomx ċenteżmu.
Għal aktar informazzjoni dettaljata nitob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija parlamentari bin-numru 24454.

Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta' persuni li kienu jirċievu xi forma ta' pensjoni u benefiċċji oħra li jammontaw għal anqas minn €700 fix-xahar sal-aħħar tas-sena 2021 huwa skont kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| Tip ta' Pensjoni | Irġiel | Nisa | Total |
|---|---|---|---|
| Pensjoni tal-Età | 345 | 1374 | 1719 |
| Pensjoni tal-Irtirar | 1887 | 5283 | 7170 |
| Pensjoni tar-Romol | 56 | 909 | 965 |
| Pensjoni tal-Invalidtà | 539 | 422 | 961 |

Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellanta li minbarra l-pensjoni tas-Sigurtà Soċjali ħafna jkollhom benefiċċji jew pensjonijiet oħra li fejn huma magħrufa ġew magħduda biex inġabret din l-istatistika waqt li jista' jkollhom dħul ieħor li mhux ġej minn benefiċċji u li m'huwiex inkluż.

Seduta 36
24/10/2022

**PERSUNI LI JIEĦDU XI FORMA TA' PENSJONI TAĦT IL-€500 FIX-XAHAR**

**3054. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 692, 1599 u 2518 li sal-lum għadhom ma ġewx imwieġba għaliex skont il-Ministru t-tagħrif għadu qed jinġabar, minkejja li l-ewwel mistoqsija ilha li saret minn Mejju li għadda?

13/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-pensjonijiet żdiedu b'mod konsiderevoli fl-aħħar snin, grazzi għall-politika Laburista, bid-differenza minn amministrazzjonijiet preċedenti li ma żiduhomx ċenteżmu.
Għal aktar informazzjoni dettaljata nitob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat lil mistoqsija parlamentari bin-numru 24454.

Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta' persuni li kienu jirċievu xi forma ta' pensjoni jew benefiċċji oħra li jammontaw għal anqas minn €500 fix-xahar sal-aħħar tas-sena 2021 huwa skont it-tabella t'hawn taħt:

| Tip ta' Pensjoni | Irġiel | Nisa | Total |
|---|---|---|---|
| Pensjoni tal-Età | 53 | 322 | 375 |
| Pensjoni tal-Irtirar | 292 | 1506 | 1798 |
| Pensjoni tar-Romol | 13 | 68 | 81 |
| Pensjoni tal-Invalidità | 0 | 1 | 1 |

Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellanta li minbarra l-pensjoni tas-Sigurtà Soċjali ħafna jkollhom benefiċċji jew pensjonijiet oħra li fejn huma magħrufa ġew magħduda biex inġabret din l-istatistika waqt li jista' jkollhom dħul ieħor li mhux ġej minn benefiċċji u li mhuwiex inkluż.

Seduta 36
24/10/2022

**PENSJONI TAR-ROMOL**

**3055. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet iż-żieda li ngħatat din is-sena lill-persuni kollha li jirċievu l-pensjoni tar-romol? Jista' jgħid kemm hu n-numru ta' persuni li kienu intitolati għal din iż-żieda?

13/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 36
24/10/2022

**PENSJONI KONTRIBUTORJA - PERSUNI LI MA JIKKWALIFIKAWX**

**3056. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni li ma jikkwalifikawx għall-pensjoni kontributorja qed jieħdu bonus annwali? Jista' jgħid kemm hemm persuni li qed jieħdu bonus ta' €400 fis-sena u kemm huma dawk li qed jieħdu bonus ta' €500 fis-sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn in-nies huma nisa u kemm huma rġiel?

13/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s'issa, matul din is-sena, in-numru ta' persuni li ħadu l-bonus annwali 'l għaliex ma jikkwalifikawx għal pensjoni kontributorja kien jammonta għal 13,803, kif qed ikun indikat fit-tabella t'hawn taħt:

| | Bonus ta' €400 | Bonus ta' €500 |
|---|---|---|
| **Nisa** | 5,903 | 6,841 |
| **Irġiel** | 658 | 401 |

Seduta 36
24/10/2022

**MEDIĊINI B'XEJN - ANZJANI TA' 80 SENA U AKTAR**

**3057. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' anzjani fl-età ta' 80 sena jew aktar sal-lum li qed jieħdu mediċini b'xejn?

13/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 36
24/10/2022

**IMPLEMENTING DECISION COMMUNICAION COM 2021 584 - TIBDIL**

**3078. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 2297, peress li t-tweġiba mogħtija mill-Ministru tista' tindika li hemm bidliet minn dak li ġie approvat mill-Kummissjoni Ewropea hekk kif stipulat fl-Implementing Decision Communication (COM(2021) 584), jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' dawn il-bidliet u f'kull każ jispjega għalfejn saru l-bidliet rispettivi?

13/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lil Onorevoli Interpellant illi l-informazzjioni provduta lili mis-Segretarjiat Parlamentari hija fl-imsemmija Implementing Decision Communication (COM(2021)584) ma kien hemm l-ebda tibdil

Seduta 36
24/10/2022

**LOW WAGE COMMISSION – ĦIDMA RIGWARD IL-PAGA MINIMA**

**3079. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 2324, jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont tal-ħidma li saret matul l-aħħar sena mil-Low Wage Commission b'rabta mal-iżviluppi dwar il-paga minima f'pajjiżna?

13/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-Low Wage Commission għamlet numru ta' laqgħat informali ma' stakeholders f'dan il-qasam, fejn ġie stabbilit il-bżonn ta' data u statistika biex tippermetti analisi dettaljata tal-Kwistjoni tal-Paga Minima. Għal dan il-għan il-Low Wage Commission qed tikkomunika mal-entitajiet relevanti biex tinkiseb din l-informazzjoni.

Seduta 36
24/10/2022

**LOW WAGE COMMISSION – ĦIDMA RIGWARD IL-PAGA MINIMA**

**3080. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 2324, jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ħidma li saret matul l-aħħar sena mil-Low Wage Commission b'rabta mal-iżviluppi dwar il-paga minima f'pajjiżna?

13/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 36
24/10/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR/XEMXIJA – TRIQ IL-PWALES - MANUTENZJONI**

**3104. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari 2528 u 2832, jista' l-Ministru jispeċifika x'xogħlijiet saru fi Triq il-Pwales, ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar, u għal kull xogħol li sar, minn liema entità sar u meta sar?

14/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li matul din is-sena, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għamel xogħol ta' tindif tal-culvert tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq il-Pwales, ix-Xemxija. Dan ix-xogħol sar fuq talba li saret mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

Seduta 36
24/10/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – FONDI MIĠBURA MINN SKEMI**

**3105. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2837, jista' l-Ministru jispeċifika x'inhuma l-proġetti li fuqhom diġà hemm ftehim għal kull waħda mil-lokalitajiet tal-Mellieħa, Naxxar u San Pawl il-Baħar, x'inhu l-valur għal kull proġett u ma' min sar il-ftehim għal kull proġett? Jista' jispeċifika wkoll jekk hemmx applikazzjonijiet pendenti għal kull waħda minn dawn it-tliet lokalitajiet, u jekk iva x'inhuma l-proġetti, x'inhu l-valur għal kull proġett u min għamel l-applikazzjoni għal kull proġett?

14/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' ftehim fil-lokalitajiet imsemmija li, minn Jannar 2017 u taħt ir-responsabbiltà ta' dan il-Ministeru u/jew l-entitajiet taħtu biss, ġew iffirmati.

Seduta 36
24/10/2022

**STABBILIMENTI KUMMERĊJALI LI GĦANDHOM LIĊENZJA JDOQQU MUŻIKA**

**3106. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2835, jista' l-Ministru jinforma kemm-il permess inħareġ mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu f'kull wieħed mil-lokalitajiet ġewwa Malta u Għawdex? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista bl-isem, indirizz u lokalità għal kull wieħed minn dawn il-permessi? Jista' jinforma wkoll x'inhu l-ħin sakemm tista' tindaqq il-mużika għall-permessi li nħarġu mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu?

14/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2835, ninfurmaha li t-62 permess għad-daqq ta' mużika ġewwa stabbilimenti liċenzjati mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu huma mqassmin fil-lokalitajiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Birżebbuġa | 2 |

| | |
|---|---|
| Floriana | 1 |
| Għajnsielem | 1 |
| Marsaskala | 2 |
| Mellieħa | 2 |
| Naxxar | 1 |
| San Lawrenz | 1 |
| Sliema | 5 |
| San Ġiljan | 34 |
| San Pawl il-Baħar | 8 |
| Tarxien | 1 |
| Victoria Għawdex | 1 |
| Tarxien | 1 |
| Xewkija | 1 |
| Xlendi | 1 |
| Żebbuġ Għawdex | 1 |
| | |

Il-ħin sakemm tista' tindaqq il-mużika mhuwiex stabbilit mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu iżda huwa determinat mil-liġi sussidjarja li taqa' taħt l-Att dwar il-liċenzji tal-Kummerċ.

Seduta 36
24/10/2022

**STABBILIMENTI KUMMERĊJALI – LIĊENZJA GĦAL DAQQ TA' MUŻIKA**

**3107. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm hemm bars, ristoranti, hotels u stabbilimenti kummerċjali oħra li għandhom liċenzja biex idoqqu l-mużika? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista bl-isem, indirizz u lokalità għal kull wieħed minn dawn il-permessi? Sa xħin huma liċenzjati li jdoqqu dawn l-istabbilimenti? Kemm minn dawn għandhom liċenzja li jdoqqu open air? Jista' jgħid x'inhu l-ħin sakemm tista' tindaqq il-mużika skont il-liġi li taqa' taħt l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ? Jista' jagħti tagħrif dwar jekk hemmx stabbilimenti li għandhom ukoll konċessjonijiet speċjali biex idoqqu wara l-ħin stabbilit? Jekk iva, kemm hemm u liema huma?

14/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**KEY EXPERT – ELECTRICAL ENGINEER - BIDLA**

**3114. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2037, peress li jidher li hemm bidla fil-Key Expert - Electrical Engineer minn dak li ġie appuntat inizjalment b'Tender IM014/2020, jista' l-Ministru jippubblika:
a. ir-raġuni għala nbidel il-Key Expert - Electrical Engineer;
b. is-CV dettaljata tal-Key Expert - Electrical Engineer preżenti; u
ċ. kif jispeċifika t-tender fi klawsola 4.3.2, il-komunikazzjoni li saret bil-miktub għal tali bidla inkluża l-approvazzjoni ta' Infrastructure Malta għal din il-bidla?

17/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li qed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra d-dokumenti mitluba relatati ma':

a. ir-raġuni għala nbidel il-Key Expert - Electrical Engineer – irreferi għal dokument A u B
b. is-CV dettaljata tal-Key Expert - Electrical Engineer preżenti – irreferi għal dokument A u B

ċ. kif jispeċifika t-tender fi klawsola 4.3.2, il-komunikazzjoni li saret bil-miktub għal tali bidla inkluża l-approvazzjoni ta' Infrastructure Malta għal din il-bidla – irreferi għal dokument Ċ.

Seduta 36
24/10/2022

**IL-FGURA – TRIQ ROMANO CARAPECCHIA - ĠRIEDEN**

**3135. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-problema ta' ġrieden kbar fi Triq Romano Carapecchia fil-Fgura hijiex qed tiġi indirizzata? Jekk le, jista' jara li dan l-inkonvenjent għar-residenti jiġi indirizzat?

17/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Ħamis, 20 t'Ottubru, sar trattament mill-ħaddiema tat-Taqsima tal-Pest Control fit-triq imsemmija minnha.

Seduta 36
24/10/2022

**IL-FGURA – TRIQ ROMANO CARAPECCHIA - ĠRIEDEN**

**3136. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-problema ta' ġrieden kbar fi Triq Romano Carapecchia fil-Fgura u li jidher li ħerġin minn żona li jieħdu ħsiebha Parks Malta hijiex qed tiġi indirizzata? Jekk le, tista' l-Ministru tara li dan l-inkonvenjent għar-residenti jiġi indirizzat?

17/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lil Onor. Interpellant li din iż-żona ma taqax taħt r-responsabilità ta' PARKS Malta. Tajjeb inżid ngħid iżda li Ambjent Malta għamlet interventi li jinkludu tneħħija ta' speċi invażivi, skart illegali, żbir u qtugħ tal-ħaxix. Flimkien ma' dawn ix-xogħlijiet qed isir l-arranġament neċessarju biex issir ġestjoni tal-ġrieden li hemm f'din iż-żona.

Seduta 36
24/10/2022

**IL-FGURA – TRIQ MATER BONI CONSILII - XOGĦLIJIET**

**3137. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa ppjanat li jkun lest il-proġett li qed isir fi Triq Mater Boni Consilii fil-Fgura (bejn Triq San Pietru u Triq San Tumas)?

17/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li nirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2743 nispjega li t-triq indikata hija twila madwar 660 metru u tinsab f'żona li hija waħda arkeoloġikament sensittiva. Għaldaqstant ix-xogħlijiet ġew ippjanati fi tliet fażijiet u dawn qegħdin isiru taħt is-superviżjoni ta' arkeologi approvati mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

Bħalissa għaddej ix-xogħol fit-tieni parti ta' din it-triq (bejn Triq San Pietru u Triq San Tumas) li jinkludi bdil fis-sistemi taħt l-art għas-servizzi tal-ilma, dawl u telekomunikazzjoni, kif ukoll bini ta' bankini ġodda u tisħiħ tal-pedamenti qabel ma jsir wiċċ ġdid bl-asfalt. Ix-xogħol f'din il-fażi mistenni jkun lest f'Diċembru u hu stmat li b'kollox din it-triq se tiġi tiswa madwar €400,000.

Seduta 36
24/10/2022

**FGURA GĦALL-ISPTAR MATER DEI – TRASPORT PUBBLIKU**

**3138. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm jgħaddu karozzi tal-linja mill-Fgura lejn l-isptar u viċi versa tul il-ġurnata? Kull kemm ħin jgħaddu dawn il-karozzi? Minn fejn jitilqu? Jaħseb il-Ministru li din il-frekwenza ta' trasport hija suffiċjenti għar-residenti tal-Fgura peress li mill-informazzjoni li għandi qed jitħallew ħafna nies fuq l-istages għal ħin twil, speċjalment fil-ħinijiet ta' filgħodu kmieni? Għandu rapporti jew ilment ta' din ix-xorta?
17/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm żewġ rotot li jgħaddu minn ġewwa l-Fgura direzzjoni lejn l-Isptar Mater Dei. Dawn huma r-rotta 120 li filgħaxija tinbidel għar-rotta 121 kif ukoll ir-rotta 204.

Ir-rotta 120/121 topera kull nofsiegħa filwaqt li r-rotta 204 topera kull siegħa. Bejniethom, fost il-ġimgħa, ikun hemm 47 vjaġġ f'kull direzzjoni, jiġifieri b'kollox ikun hemm 94 vjaġġ kuljum fiż-żewġ direzzjonijiet. Ir-rotta 120/121 titlaq mix-Xgħajra (direzzjoni lejn l-isptar Mater Dei) u minn Pembroke (direzzjoni lejn il-Fgura). Ir-rotta 204 titlaq minn Marsaskala.

Infurmat ukoll li ser ikun hemm monitoraġġ minn fuq diversi bus stops ġewwa l-Fgura sabiex jiġi stabbilit l-andament tar-rotot li jgħaddu min din il-lokalità.

Seduta 36
24/10/2022

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IL-KAPPUĊĊINI – SINJALI TAT-TRAFFIKU**

**3139. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għax-xogħlijiet li saru fi Triq il-Kappuċċini f'Ħaż-Żabbar, jista' l-Ministru jara li jerġgħu jsiru s-sinjal mal-art inklużstop signs u marki sofor peress li wara li fl-aħħar sar it-tarmak mill-ġdid fit-triq, dawn is-sinjali baqgħu ma sarux?

17/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IL-KAPPUĊĊINI – SINJALI TAT-TRAFFIKU**

**3140. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għax-xogħlijiet li saru fi Triq il-Kappuċċini f'Ħaż-Żabbar, tista' l-Ministru tara li jerġgħu jsiru s-sinjal mal-art inklużstop signs u marki sofor peress li wara li fl-aħħar sar it-tarmak mill-ġdid fit-triq, dawn is-sinjali baqgħu ma sarux?

17/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 36
24/10/2022

**PETTING FARMS**

**3143. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jelenka kemm hemm Petting Farms reġistrati mal-Ministeru u fejn jinsabu?

17/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**SKEMI GĦAL INSULAZZJONI TAS-SOQFA U GĦAD-DOUBLE GLAZING**

**3144. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tindika jekk u meta ser jerġgħu jiftħu l-iskemi ta' għotjiet għall-insulazzjoni tas-soqfa u għad-double glazing, fiex ser ikunu jikkonsistu, għal liema lokalitajiet u jekk hux ser ikunu retrospettivi sabiex jinkludu installazzjonijiet li saru fil-perjodu li dawn l-iskemi kienu magħluqa?

17/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed jiġu kkunsidrati l-aktar skemi opportuni. Il-Gvern ser jibqa' jinċentiva l-enerġija rinovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija. Dettalji ta' skemi li joħroġ l-Gvern jitħabbru fil-mument opportun.

Seduta 36
24/10/2022

**ARTIJIET TAL-GVERN MIKRIJA LILL-PRIVAT**

**3145. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jindika liema huma l-artijiet tal-Gvern li huma mikrija lill-privat għal skopijiet ta' petting farming u/jew stallel fil-lokalitajiet tan-Naxxar, Għargħur, San Pawl il-Baħar u Mellieħa?

17/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Awtorità tal-Artijiet mhux qegħda f'pożizzjoni li tipprovdi din l-informazzjoni minħabba li s-sistema diġitali preżenti ma tippermettix tfittxija a bazi ta' użu daqshekk preċiż u speċifiku tal-propjetà.
L-Awtorità tkun tista' tagħti informazzjoni, jekk l-Onorevoli Interpellant ikun aktar speċifiku fuq siti partikolari.

Seduta 36
24/10/2022

**UNIVERSITÀ TA' MALTA – STUDJI KKUMMISSJONATI**

**3146. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jelenka kemm-il studju/proġett ta' riċerka l-Gvern ikkummissjona lill-Università ta' Malta mill-1 ta' Ottubru, 2021 sat-30 ta' Settembru, 2022, x'kienu t-titli, min kien jew kienet il-head researcher, liema kienet il-fakultà, liema huma dawk li diġà ġew ippubblikati u liema għadhom le u kemm kien l-ammont tal-kummissjoni?

17/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 36
24/10/2022

**PROĠETTI TA' PARKS, SPAZJI MIFTUĦA U AFFORESTAZZJONI**

**3147. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru telenka lista ta' proġetti ta' parks, spazji miftuħa, afforestazzjoni u oħrajn simili li diġà bdew u mhux mistenni li jkunu lesti sal-aħħar tal-2022 u tinkludi n-natura u deskrizzjoni qasira tal-proġett, meta beda, kemm kien il-baġit oriġinali, u kemm mistennija tkun in-nefqa totali wara li jkun lest il-proġett?

17/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - USERS COMMITTEE**

**3148. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra jekk il-Users Committee fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar ġiex appuntat, meta, min huma l-membri u lil min jirrappreżentaw? F'każ li għadu ma ġiex appuntat, jista' l-Ministru jindika jekk hux ser isir dan u meta?

17/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Users Committee għadu dak l-istess maħtur u hekk kif deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Settembru 2020.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA – INFIQ TA' FLUS FUQ REKLAMAR**

**3149. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 2828 u tgħid kemm intefqu flus f'reklamar mill-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tagħha separatament mill-2019 sal-lum, sena b'sena, u skont il-mezz tax-xandir?

17/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 36
24/10/2022

**IŻ-ŻEJTUN – TRIQ SAN DUMINKU - XOGĦLIJIET**

**3150. L-ONOR. RAY ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li r-residenti ta' Triq San Duminku fiż-Żejtun sikwit jilmentaw b'inkonvenjent kontinwu minħabba li meta tagħmel ix-xita, l-ilma li jinġabar fl-għadajjar qed jispiċċa jidħol ġo djarhom, speċjalment meta jgħaddu l-karozzi, u peress li din it-triq hemm bżonn li jsiru kanali u spralli biex l-ilma jkollu fejn imur, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li din it-triq tinbeda u tinstab soluzzjoni għal din il-problema? Jekk hemm il-ħsieb, jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew ix-xogħlijiet fuqha?

18/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità taż-Żejtun l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq Taltas, Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok, Triq il-Labour, Triq Dwiemes, Triq Toni Zahra, Triq il-Faqqus, Triq Bugħarbiel, Triq il-Kbira, Triq il-President Anton Buttigieg, Misraħ is-Suq, Triq id-Daħla ta' San Tumas, Vjal il-25 ta' Novembru, Triq Cannaught, Triq il-Kantur, Ta' Ganza, Triq Kamumilla, Triq San Piju X, Triq San Profilju, Triq San Ġużepp, Triq Beland, Triq Santa Monika, Triq Santa Fawstina u Triq il-Ġiebja Rumana.

Infrastructure Malta ilha sa mit-twaqqif tagħha taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. L-aġenzijà għadha kemm varat proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsill

Lokali fejn talbithom biex sa Novembru li ġej jaġġornaw il-lista ta' toroq, li huma ta' prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjin skont skeda dettaljata li se tiġi diskussa u maqbula magħhom fiż-żmien li ġej.

Seduta 36
24/10/2022

**IŻ-ŻEJTUN – MISRAĦ MIKIEL ANTON VASSALLI – TOROQ MITLUQIN**

**3151. L-ONOR. RAY ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li t-trejqiet li jdawru Misraħ Mikiel Anton Vassalli fiż-Żejtun ilhom ħafna mitluqin u għalkemm dan l-aħħar saru xi toroq fil-madwar, dan il-misraħ baqa' bit-toroq kollha ħofor (hekk kif jidher fir-ritratti li qed jingħataw separatament), jista' l-Ministru jgħid meta dawn it-toroq ta' madwar il-misraħ se jiġu asfaltati?

18/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità taż-Żejtun l-aġenzijà diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq Taltas, Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok, Triq il-Labour, Triq Dwiemes, Triq Toni Zahra, Triq il-Faqqus, Triq Bugħarbiel, Triq il-Kbira, Triq il-President Anton Buttigieg, Misraħ is-Suq, Triq id-Daħla ta' San Tumas, Vjal il-25 ta' Novembru, Triq Cannaught, Triq il-Kantur, Ta' Ganza, Triq Kamumilla, Triq San Piju X, Triq San Profilju, Triq San Ġużepp, Triq Beland, Triq Santa Monika, Triq Santa Fawstina u Triq il-Ġiebja Rumana.

Infrastructure Malta ilha sa mit-twaqqif tagħha taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. L-aġenzijà għadha kemm varat proċess ta' konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali fejn talbithom biex sa Novembru li ġej jaġġornaw il-lista ta' toroq, li huma ta' prijorità għal-lokalità tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru fis-snin li ġejjin skont skeda dettaljata li se tiġi diskussa u maqbula magħhom fiż-żmien li ġej.

Seduta 36
24/10/2022

**RABAT - TRIQ ĠORĠ BORG OLIVIER - INFURZAR TAR-REGOLAMENTI TAT-TRAFFIKU**

**3152. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2460, jista' l-Ministru jispjega jekk hux se ikun hemm preżenti uffiċjali ta' Transport Malta / LESA / pulizija immedjatament biex l-inkonvenjenti preżenti jiġu riżolti immedjatament minħabba li bħalissa dan mhux qed iseħħ?

18/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi min-naħa tal-pulizija ser tibqa' ssir ir-ronda regolari biex dan l-abbuż u oħrajn jiġu skoraġġiti. L-istess irid jingħad għal uffiċjali tal-LESA li kontinwament jagħmlu rondi fl-istess triq, fejn ikunu preżenti f'diversi ħinijiet.

Seduta 36
24/10/2022

**PROĊEDURA TA' ATHROSCOPY - LISTA TA' STENNIJA**

**3153. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2463 u jgħid kemm hi l-lista ta' stennija għal persuna biex tagħmel proċedura ta' athroscopy fl-irkoppa?

18/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fl-aħħar ħames snin saru 3277 proċeduri ta' athroscopy fl-irkoppa, kif turi t-tabella hawn mehmuża. Pazjenti li qed jistennew għan-knee athroscopyaktar minn dak stipulat fil-Patient charter huma 370 u minn dawn it-370, 63 minnhom għandhom data għall-operazzjoni. Ta'

min ifakkar ukoll illi matul l-2020 u l-2021 kien hemm perjodu fejn l-operazzjonijiet mhux ta' emerġenza kienu sospiżi minħabba l-Covid.

| Procedure (ICD 9CM Code) | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 (Jan-Jun) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Knee arthroscopy (80.26) | 779 | 742 | 675 | 444 | 421 | 216* |

Seduta 36
24/10/2022

**SPTAR MATER DEI U ĊENTRI TAS-SAĦĦA - XIRI TA' UNIFORMIJIET GĦALL-ALLIED HEALTH PROFESSIONALS**

**3154. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2462, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega x'soluzzjoni immedjata se ssir wara li dawn ilhom snin jistennew li jingħataw uniformijiet?

18/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 2462.

Seduta 36
24/10/2022

**ĦAD-DINGLI - TRIQ PAWLU EBEJER U TRIQ CARMELO BUGEJA, MANUTENZJONI TAL-ĠNIEN**

**3155. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2459, li orġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid kemm-il darba saret manutenzjoni u tisqija tal-arbuxelli u siġar fil-ġnien li jinsab fi Triq Pawlu Ebejer u Triq Carmelo Bugeja Ħad-Dingli minn meta nfetaħ?

18/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli li l-manutenzjoni u tisqija tal-arbuxelli u siġar fil-ġnien li jinsab fi Triq Pawlu Ebejer u Triq Carmelo Bugeja Ħad-Dingli ssir darbtejn fil-ġimgħa.

Seduta 36
24/10/2022

**IR-RABAT - TRIQ IL-MUŻEW - BELISHA LIGHTS**

**3156. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2458, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid x'inhi r-raġuni li l-belisha lights ta' Triq il-Mużew fir-Rabat Malta mhux qed jaħdmu regolarment (jew ma kinux jaħdmu għal żmien twil) anke wara diversi rapporti li saru mill-Kunsill Lokali Rabat?

18/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tar-Rabat li dwar il-ħsara msemmija, l-istess Kunsill bagħat lill-kuntrattur tiegħu sabiex isewwi l-ħsara fl-immedjat iżda rriżulta li kien hemm qtugħ mill-feeder wire minn taħt l-art li kien qed iwassal l-elettriku mis-Sub Station lejn l-istess zebra crossing. Għalhekk il-ħsara fil-wire ma setgħetx issir mill-Kunsill Lokali iżda riedet issir minn l-entità kkonċernata.

Seduta 36
24/10/2022

**LISTA TA' BIEB IL-BELT - NEFQA FIT-TISWIJA**

**3161. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2904, li saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern lokali u l-mistoqsija parlamentari 2684 li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrasturttura u l-Proġetti Kapital u li issa ġew riferuti lilu, u jgħid kemm nefaq fit-tiswija tal-lift ta' Bieb il-Belt minn mindu fetaħ għall-użu pubbliku? Jista' jgħid kemm-il darba kellu ħsara minn mindu fetaħ għall-użu pubbliku? Jista' jgħid ukoll jekk għandux il-ħsieb li l-lift jibqa' pubbliku?

18/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninsab infurmat li minn mindu l-lift ta’ Bieb il-Belt beda jintuża fl-2017, intefqet is-somma ta’ €3,350.50 fit-tiswija. Matul dawn is-snin, il-lift kellu ħsara għoxrin darba. Barra minhekk, fl-2020 intefqet is-somma ta’ €2,444.96 biex jinbidlu żewġ ħġiġiet li jiffurmaw parti mix-xaft tal-lift u li kienu ġew ivvandalizzati. Dan il-lift li għalih qed issir referenza kien sar bħala parti mill-proġett tad-daħla ta’ Bieb il-Belt ta’ Renzo Piano bl-intiża li dan ikun jagħti aċċess pubbliku.

Seduta 36
24/10/2022

**QRATI TAL-ĠUSTIZZJA - IMPUTATI LIBERATI**

**3162. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2905 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u l-mistoqsija parlamentari 2685 u li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja u li issa ġew riferuta lilu u jgħid kemm-il imputat ġie liberat mill-Qrati tal-Ġustizzja fl-aħħar sentejn minħabba problemi fin-notifika li jwasslu għall-preskrizzjoni tal-allegati reati?

18/10/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 2685.

Seduta 36
24/10/2022

**SANTA VENERA - SERVIZZ TA' ĠBIR TAL-BORŻA TAL-ISKART RIĊIKLAT**

**3163. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3020, jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba jinġabar l-iskart domestiku riċiklat f'Santa Venera?

18/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi meta bdiet tiġi kkumpilata l-informazzjoni tal-mistoqsija parlamentari 3020 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bi żvista l-istess Dipartiment naqas milli jindika lill-Kunsill Lokali ta’ Santa Venera bħala wieħed mill-Kunsilli Lokali li għandhom is-servizz ta’ ġbir tal-borża tal-iskart domestiku riċiklat għal ġurnata waħda biss fil-ġimgħa.

Għalhekk ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta’ Santa Venera illi l-iskart domestiku riċiklat jinġabar darba fil-ġimgha fl-istess lokalità.

Seduta 36
24/10/2022

**JURASSIC WORLD DOMINION – SPIŻA TOTALI**

**3168. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista’ l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża totali tal-press junket, atturi u crew tal-film Jurassic World Dominion li kienet preżenti f’Malta għall-premiere tiegħu, inkluż titjiriet, akkomodazzjoni, catering, trasport u spejjeż oħra?

18/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li għall-ewwel darba fl-istorja tal-blockbusters li nġibdu lokalment, pajjiżna deher bħala Malta fl-iscript tal-film.
Universal Pictures għażlet lil Malta bħala l-post ideali għal 'Jurassic World: Dominion' Global Press Tour u għaldaqstant l-ispejjeż ta' vjaġġar u akkomodazzjoni kienu mħallsa mill-kumpanija stess.
L-ispejjeż relatati mal-Global Press Tour, li kien jikkonsisti f'aktar minn 40 ġurnalist, jammonta għal €2900.
Il-Malta Film Commission se tkompli tiffoka biex Malta tikseb il-coverage internazzjonali li jixraqilha permezz ta' inizjattivi bħal dawn. Huwa maħsub li l-exposure li ħadet Malta minn din il-press junket jammonta għal mijiet ta' eluf ta' Ewro, liema dettalji għadhom qegħdin jinġabru.

Seduta 36
24/10/2022

**JURASSIC WORLD DOMINION – RAPPORT TA' COVERAGE**

**3169. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jippreżenta rapport iddettaljat tal-coverage li bbenefika minnu pajjiżna fil-media internazzjonali permezz tal-press junket li nġieb Malta għall-premiere tal-film Jurassic World Dominion?

18/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**SKEMA DWAR RESTAWR TA' POSTIJIET/MONUMENTI STORIĊI F'MALTA - PROĠETTI**

**3176. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2838 dwar l-iskema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2022/2023, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar fiex kien jikkonsisti kull wieħed mill-proġetti li ġew aċċettati u kemm hi l-istima ta' kull proġett? Kif se jkun iffinanzjat kull wieħed minn dawn il-proġetti?

18/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Kunsill Lokali | Deskrizzjoni tal-Proġett | Kif kien il-ħsieb li se jkun iffinanzjat |
|---|---|---|
| Tarxien | Il-Kunsill applika għar-restawr għall-faċċata tal-kappella l-antika ta' San Ġużepp li tinsab fi Triq Ħal Tarxien. Illum il-ġurnata, St Jeanne Antide Foundation Bazaar jinsab bħala parti mill-binja. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |
| Xgħajra | Il-Kunsill applika għar-restawr tal-Knisja ta' San Ġakbu fix-Xgħajra, fi Triq il-Knisja. Knisja li nbniet fl-1933 għan-nies tax-Xgħajra. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |
| Rabat Malta | Il-Kunsill applika għar-restawr taż-żona taz-zuntier tal-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat. Iż-żona fiha diversi strutturi arkeoloġiċi importanti li jeħtieġu intervent biex jiġu salvagwardjati. Il-Kunsill applika speċifikament għall-istatwa ta' San Pawl taz-Zuntier u l-Kappella ta' Santa Marija tal-Madalena. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |
| San Ġwann | Il-Kunsill applika għar-restawr tal-kappella tal-Prepostu fi Triq tal-Ħalal, San Ġwann. Kappella ta' importanza minħabba r-rabta li kellha mal-Prepostu tal-Kolleġġjata ta' Sant' Elena f'Birkirkara meta nbiet. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid- |

| | | |
|---|---|---|
| | | Direttorat tar-Restawr MHAL |
| Żejtun | Il-Kunsill applika għar-restawr tal-bini tal-kappella ta' San Klement li tinsab fi Triq San Klement iż-Żejtun. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |
| Għargħur | Il-Kunsill applika għar-restawr tan-niċċa ta San Bartolomew li tinsab fi stat qawwi ta' deterjorazzjoni. In-Niċċa tinsab f'Misraħ il-Knisja. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |
| Marsaskala | Il-Kunsill applika għar-restawr ta' statwa li tinsab fuq iz-zuntier tal-Knisja Parokkjali ta' Sant'Anna. L-istatwa tpoġġiet fl-1976-78 u hemm bżonn isir restawr meħtieġ. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |
| Kirkop | Il-Kunsill applika għar-restawr tas-Salib tad-Dejma f'Misraħ Ħal Kirkop, Ħal Kirkop. Dan is-salib inbena f'1641 u huwa indikattiv mal-mappa ta' Ħal Kirkop. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |
| Fgura | Il-Kunsill applika għar-restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja fi Triq Hompesh. L-istatwa tmur lura għas-sena 1870. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |
| Haż-Żebbuġ | Il-Kunsill applika għar-restawr tal-kappella tal-Madonna tad-Dawl fi triq id-dawl. Il-Kappella tinsab fi stat qawwi ta' deterjorazzjoni. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |
| Żurrieq | Il-Kunsill applika għar-restawr tan-niċċa ta' San Pawl fi Triq San Bartilimew. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |
| Santa Venera | Il-Kunsill applika għar-restawr tat-Torri ta' San Ġuzepp magħruf bħala t-Turretta u li jinsab ħdejn l-Akwadott ta' Wignacourt fi Triq il-Kbira San Ġuzepp. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |
| Ħal Lija | Il-Kunsill applika għar-restawr tal-binja tal-parroċċa l-antika tas-Salvatur li tinsab fi Triq is-Salvatur. Il-bini jinsab fi stat ħazin. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |

Seduta 36
24/10/2022

**SKEMA DWAR RESTAWR TA' POSTIJIET/MONUMENTI STORIĊI F'MALTA - PROĠETTI**

**3177. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2838 dwar l-iskema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2022/2023, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar fiex kien jikkonsisti kull wieħed mill-proġetti li ma ġewx aċċettati u kemm kienet l-istima ta' kull proġett? Kif kien il-ħsieb li se jkun iffinanzjat kull wieħed minn dawn il-proġetti?

18/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Kunsill Lokali | Deskrizzjoni tal-Proġett | Kif kien il-ħsieb li se jkun iffinanzjat |
|---|---|---|
| **Paola** | Il-Kunsill applika għar-restawr tan-niċċa ta' San Ġuzepp li tinsab fi stat qawwi ta'deterjorazzjoni. Niċċa tinsab fi Triq Ninu Cremona ma' Triq il-Ġdida. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |
| **Birkirkara** | Il-Kunsill applika għar-restawr ta' Monument li hija l-istatwa ta' San Pawl li tinsab fi Triq San Ġuzepp. L-istatwa fiha tul ta' 2 metri u sofriet l-effetti negattivi tal-elementi maż-żmien. L-istatwa hija ta' stil barokk u hija simbolika mal-miġja ta' San Pawl f'Malta. Fuq l-istatwa hemm impoġġija rħama li ngħatat lin-nies ta' Birkikrara fl-1875 mill-Isqof Scicluna. | Din l-iskema ma tallokax fondi. Ix-xogħlijiet ta' restawr isiru mid-Direttorat tar-Restawr MHAL |

Seduta 36
24/10/2022

**GĦAWDEX - MCAST - STUDENTI**

**3182. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti jattendu korsijiet fl-MCAST ta' Għawdex kull sena mill-2014 sal-lum? Fiex kienu jikkonsistu?

18/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt. Il-korsijiet offruti mill-MCAST Għawdex jinsabu aċċessibbli fuq il-website uffiċjali tal-MCAST.

| Sena | Studenti Reġistrati - Gozo Campus |
|---|---|
| 2014 | 264 |
| 2015 | 260 |
| 2016 | 208 |
| 2017 | 202 |
| 2018 | 192 |
| 2019 | 205 |
| 2020 | 218 |
| 2021 | 225 |
| 2022 | 225 |
| **Total** | **1999** |

Seduta 36
24/10/2022

**GĦAWDEX - MRIS**

**3183. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma jekk hemmx pjan li jibda jsir l-MRI ġewwa Għawdex? Jekk iva, meta?

18/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 907.

Seduta 36
24/10/2022

**SIĠĠIEWI – SALA TAL-ISKOLA PRIMARJA**

**3186. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 162, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti konferma ta' meta s-sala fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi tista' terġa' tibda tintuża mit-tfal għall-attivitajiet extra-kurrikulari?

19/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 36
24/10/2022

**KREMATORJU - BINI**

**3187. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Ġaladarba l-liġi tal-kremazzjoni ilha li daħlet f'pajjiżna għal iżjed minn tliet snin, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal ix-xogħol preparatorju jew aħjar il-proċess li se jwassal biex jinbena l-ewwel krematorju f'pajjiżna?

19/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninsab infurmat illi l-Awtorità tal-Ippjanar qiegħda tfassal verżjoni aġġornata tas-*Cemetries Policy and Design Guidelines*, wara konsultazzjoni li saret mill-istess awtorità.

Seduta 36
24/10/2022

**SERVIZZ TA' ĠBIR TAL-BORŻA TAL-ISKART RIĊIKLAT**

**3188. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 3021, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u tgħid jekk għandhiex il-ħsieb li dawk il-lokalitajiet li għandhom ġurnata waħda biss fil-ġimgħa li fiha jsir il-ġbir tal-borża tal-iskart domestiku riċiklat jibdew jirċievu dan is-servizz għal aktar minn darba fil-ġimgħa?

19/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont il-Pjan Nazzjonali għall-Immaniġġjar tal-Iskart li jwassal sas-sena 2030, sal-aħħar ta' din is-sena il-lokalitajiet kollha se jkollhom l-istess tip u livell ta' ġbir matul il-ġimgħa.

Dan qed isir ukoll bħala parti mill-proċess ta' 'regionalisation' tal-ġbir tal-iskart li qed jitmexxa mir-Reġjuni Lokali. Il-pjan jipprevedi li l-ġabra tal-iskart domestiku tal-borża s-sewda jibda jinġabar darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Sibt, sabiex imbagħad nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa jinġabar l-iskart organiku u nhar ta' Erbgħa jinġabar l-iskart riċiklabbli.

Seduta 36
24/10/2022

**LIFELONG LEARNING - TNAQQIS TA' SIGĦAT**

**3197. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm tnaqqis fis-sigħat tal-klassjiet tal-Lifelong Learning? U jekk iva, jista' jagħti raġuni għala qed isir dan?

19/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-korsijiet li huma akkreditati mill-MFHEA ma kellhom l-ebda tnaqqis ta' sigħat.

Seduta 36
24/10/2022

**LIFELONG LEARNING - STUDENTI MA TĦALLEWX JIEĦDU L-KORS LI RIEDU**

**3198. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm ċirkostanzi fejn studenti li applikaw għall-korsijiet tal-Lifelong Learning ma tħallewx jieħdu l-korsijiet li riedu? Jekk iva, jista' jagħti raġuni għala sar dan?

19/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istudenti minn 15-il sena 'l fuq, jistgħu jsegwu kwalunkwe kors diment li l-istudent/i għandom jew jilħqu il-prerekwiżiti ta' dak il-kors. F'każ li m'għandomx il-prerekwiżiti neċessarji, jingħataw gwida jew rakkomandazzjonijiet neċessarji x'tip ta' kors għandhom jgħażlu.

Seduta 36
24/10/2022

**LIFELONG LEARNING – KWALIFIKAZZJONIJIET - GĦALLIEMA**

**3199. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-kwalifikazzjonijiet li mistennija jkollhom l-għalliema li jgħallmu l-korsijiet tal-Lifelong Learning u jekk hemmx għalliema li ma għandhomx dawn il-kwalifiki?

19/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Edukaturi tal-adulti huma mitluba jkunu fil-pussess ta' kwalifika ta' Baċċellerat rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF, suġġetta għal minimu ta' 180 ECTS/ECVET ta' credits jew ekwivalenti applikabli għas-suġġet jew qasam li qed japplikaw għalih.

Seduta 36
24/10/2022

**LIFELONG TEACHING - GĦALLIEMA**

**3200. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx għalliema jagħtu servizz ta' Lifelong Teaching? Jista' l-Ministru jelenka jekk hemmx minnhom li huma full-time?

19/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-edukaturi li jgħatu servizz ta' Lifelong Teaching huma kollha ingaġġati abbażi part-time b'kuntratt li jista' jiġġedded minn sena għal oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**TAGĦLIM TAL-MALTI LILL-BARRANIN – SKEMA TA' QAFAS KOMUNI EWROPEJ**

**3201. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk it-tagħlim tal-Malti għall-Barranin (MLB) hux qed ikun ibbażat fuq l-iskema tal-Qafas Komuni Ewropew (CEFR) u jekk dan il-Qafas ġiex applikat għal-lingwa Maltija?

19/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kurrikulu hu msawwar fuq prinċipji tal-Qafas Komuni Ewropew. L-iskop ta' dan il-Qafas hu li l-istudenti dejjem isiru aktar indipendenti fl-użu tal-lingwa u jkunu kapaċi jieħdu f'idejhom il-proċess tat-tagħlim.

Seduta 36
24/10/2022

**DOKUMENT GĦALL-KONSULTAZZJONI DWAR IT-TAGĦLIM TAL-MALTI GĦALL-BARRANIN**

**3202. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Peress li fl-2019 kien ħareġ dokument għall-konsultazzjoni dwar it-tagħlim tal-Malti għall-Barranin (MLB), jista' l-Ministru jgħid jekk dan id-dokument ġiex finalizzat jew le?

19/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**3225. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2767 u jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

19/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru ħallas lill-Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista s-somma ta' €11,466.45 għal reklamar f'xandiriet mill-2017 sad-data li mwieġba din il-mistoqsija parlamentari.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**3226. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2762 u jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

19/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li bejn l-2017 sal-lum kien hemm ħlas ta' €8008.66.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**3227. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2755 u jgħid kemm tħallsu flus mill-

Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

19/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-perjodu indikat tħallsu €61,707.47 għal reklamarlil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**3228. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2761 u jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

19/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**3229. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 2753 u tgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

19/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2017 sal-lum, l-ammont imħallas fir-riklamar li qed jirreferi għalih kien ta' ftit inqas minn tliet mija u sittin elf ewro (EUR 359,350).

Seduta 36
24/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**3230. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2752 u jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

19/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2017 sal-lum tħallsu €106980.4.

Seduta 36
24/10/2022

**GOZO CHANNEL – HEAD OFFICE**

**3231. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk il-proprjetà li d-dettalji dwarha qed jiġu mgħoddija b'mod separat, u li hija l-Head Office tal-Gozo Channel ġewwa l-Imġarr, Għawdex, hijiex proprjetà tal-Gvern?

19/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi iva, il-proprjetà li d-dettalji dwarha qed jiġu mgħoddija b'mod separat, u li hija l-Head Office tal-Gozo Channel ġewwa l-Imġarr, Għawdex, hija proprjetà tal-Gvern.

Seduta 36
24/10/2022

**ŻEJTUN – TRIQ TONI ZAHRA – RIĦA QAWWIJA TAD-DRENAĠĠ**

**3236. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara ma' dawk konċernati li tinstab soluzzjoni fi Triq Toni Zahra ġewwa ż-Żejtun, speċjalment il-parti ta' ġewwa minħabba li hemm riħa qawwija ta' drenaġġ? Tapprezza l-Ministru li dan huwa inkonvenjent lil dawn ir-residenti u allura l-urġenza fl-azzjoni hija meħtieġa?

20/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Korprazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għadha kemm lestiet intervent temporanju billi għamlet xogħol preventiv fuq it-tappieri fl-inħawi sabiex tittaffa l-problema ta' rwejjaħ. Hemm bżonn isir xogħol iktar sinifikanti sabiex ikun hemm soluzzjoni permanenti u dan billi madwar tmenin fil-mija tad-drenaġġ li jgħaddi minn din it-triq jkun ddevjat f'postijiet fejn is-sistema tiflaħ iżjed.

Seduta 36
24/10/2022

**FOSTER PARENT – GĦOTJA SUPPLIMENTARI**

**3237. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2956, jista' l-Ministru jispjega allura kif fil-każ tal-foster parent li d-dettalji tagħha qed jingħataw separatament, din la rċeviet din l-għotja supplementari ta' €300 fis-sena (anzi tilfet l-għajnuna supplementari li kienet tieħu hi), u fil-prattika l-ħlas tal-kera tal-akkomodazzjoni soċjali tagħha żdidilha minn €65.25 kull tliet xhur għal €913 kull sena?

20/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 2956 kienet tirreferi għal ħlasijiet supplimentari lill-Fostered Parents fuq il-benefiċċju tal-kera f'residenzi mikrijin minn sidien privati u mhux dawk tal-Gvern.
F'residenzi mikrijin mill-Gvern, il-kirjiet li jridu jitħallsu mill-inkwilini jkunu diġà ssussidjati skont id-dħul tagħhom u għalhekk dawn ma jistgħux jerġgħu japplikaw għal sussidju fuq il-kirja tagħhom. Il-kera tagħhom tiġi riveduta kull sentejn u din tinħadem fuq id-dħul li kellhom fis-sena preċedenti. L-allowance mogħti mill-Gvern lill-Fostered Parents jiġi kkalkulat mad-dħul tal-inkwilin.

Seduta 36
24/10/2022

**GĦAWDEX - KUNTISTABBLI**

**3238. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Issa li laħqu 56 kuntistabbli ġdid din is-sena, jista' l-Ministru jgħid hux se jintbagħtu xi kuntistabbli ġewwa Għawdex? Jekk iva, kemm ser jintbagħtu u meta?

20/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:**

Infurmat li fl-aħħar xhur f'Għawdex kien hemm iż-żieda ta' 12-il kuntistabbli u tliet surġenti li qabel kienu jaqdu dmirhom f'Malta u li dawn ma kinux mal-aħħar grupp ta' kuntistabbli li ssieħbu fil-Korp. Mhijiex il-prassi li kuntistabbli ġodda jkunu stazzjonati mal-ewwel ġewwa Għawdex iżda din issir skont is-"seniority".

Seduta 36
24/10/2022

**GĦAWDEX - SPETTURI**

**3239. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx intenzjoni li jintbagħat Spettur ieħor ġewwa Għawdex, minħabba l-fatt li Għawdex huwa wieħed mill-ftit distretti b'żewġ spetturi?

20/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi t-tqassim ta' membri fil-Korp isir skont il-bżonn u fl-aħjar interess kemm tal-Korpu tal-komunità inġenerali. Infurmat illi f'dan l-istadju għalkemm ma ntbagħtux Spetturi f'Għawdex, intbagħtu tliet Surġenti u kif ukoll 12-il kuntistabbli, anke għaliex illum f'Għawdex jiġi provdut is-servizz ta' Community Policing.

Seduta 36
24/10/2022

**STAZZJONIJIET FREE TO AIR**

**3240. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li qed jiġi propost li l-pakkett ta' stazzjonijiet lokali li jinqabdu fuq il-pjattaforma diġitali permezz ta' antenna ser jieqfu joperaw f'Marzu tas-sena 2023 u peress li qed jingħad li fil-gżejjer Maltin hawn madwar 18,000 familja li preżentament qed jindqew b'xejn permezz ta' antenna diġitali fuq il-bejt tad-dar tagħhom, u peress li jekk dak propost iseħħ, dan ikun ifisser li dawn il-familji issa ser ikollhom jabbonaw ma' kumpanija privata li tipprovdi dawn is-servizzi jew permezz ta' fibre optic cable jew streaming permezz tal-internet u b'hekk għadd ġmielu ta' familji ser jidħlu fi spejjeż addizzjonali bla bżonn biex ikunu jistgħu jaraw stazzjonijiet lokali, għaldaqstant jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan li jiġu megħjuna dawn il-familji? Jekk iva, x'inhu l-pjan?

20/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari 3240 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 36
24/10/2022

**INDIS – SPAZJI ALLOKATI**

**3242. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm kienu l-proġetti li ġew allokati spazji industrijali mill-INDIS għas-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022, u għal kull sena jgħid kemm minnhom kienu proġetti approvati mill-Malta Enterprise, kemm kienu dawk li ġew allokati spazju minkejja li kienu rifjutati mill-Malta Enterprise, u kemm minnhom ġew allokati mingħajr ma tressqu quddiem il-Malta Enterprise?

20/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total ta' 265 proġett ġew allokati spazji industrijali mill- INDIS bejn Jannar 2017 u Ottubru 2022, 258 minn dawn ġew approvati minn Malta Enterprise, filwaqt li 7 proġetti ġew allokati spazji industrijali direttament mill- INDIS, hekk kif muri fit-tabella. INDIS m'għandhiex aċċess għall-informazzjoni dwar proġetti li ġew rifjutati mill- Malta Enterprise.

| YEAR | NUMBER OF ALLOCATIONS | ALLOCATIONS APPROVED BY MALTA ENTERPRISE | DIRECT ALLOCATIONS |
|---|---|---|---|

| | | | BY INDIS/MIP |
|---|---|---|---|
| 2017 | 57 | 53 | 4 |
| 2018 | 56 | 56 | - |
| 2019 | 57 | 55 | 2 |
| 2020 | 32 | 32 | - |
| 2021 | 40 | 39 | 1 |
| 2022 | 23 | 23 | - |
| **TOTAL** | 265 | 258 | 7 |

Seduta 36
24/10/2022

**MALTA ENTERPRISE – PROĠETTI INVESTIMENT BARRANI (FDI)**

**3243. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm proġetti li approvat il-Malta Enterprise li kienu ta' investiment barrani (FDI) għas-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022, u għal kull sena tgħid kemm minnhom kienu start-ups jew kienu kumpaniji stabbiliti, u kemm minn dawn għadhom joperaw fil-preżent?

20/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**PROĠETTI RELATATI MAL-MEDICAL CANNABIS**

**3244. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kienu l-proġetti relatati mal-medical cannabis approvati mill-Malta Enterprise fis-snin 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022, u għal kull sena kemm minnhom fil-verità bdew joperaw u kemm minnhom għadhom joperaw fil-preżent? Tista' tgħid kemm hemm impjegati f'kull wieħed minnhom?

20/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**BORMLA - MITĦNA FIŻ-ŻONA TA' STA. MARGERITA - RESTAWR**

**3265. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1567 fejn il-Ministru rrisponda li l-Awtorità tal-Artijiet tieħu ħsieb il-manutenzjoni u t-tiswija imma mhux ir-restawr, jista' jgħid jekk l-Awtorità tal-Artijiet għandhiex pjanijiet li tagħmel xi manutenzjoni u/jew tiswija tal-Mitħna fiż-żona ta' Santa Margerita, Bormla?

20/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**BORMLA – MITĦNA TA’ SAN ĠWANN - RESTAWR**

**3266. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1566 fejn il-Ministru rrisponda li l-Awtorità tal-Artijiet tieħu ħsieb il-manutenzjoni u t-tiswija imma mhux ir-restawr, jista’ l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Artijiet għandhiex pjanijiet li tagħmel xi manutenzjoni u/jew it-tiswija tal-Mitħna ta’ San Ġwann, Bormla?
20/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f’seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**KOTTONERA – RESERVED PARKING GĦAR-RESIDENTI**

**3267. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1564 fejn il-Ministru rrisponda li l-awtoritajiet se jkomplu jiddiskutu mal-kunsilli lokali rispettivi biex ikomplu jsibu s-soluzzjonijiet plawsibbli, jista’ l-Ministru jgħid kienx hemm żviluppi sabiex isir reserved parking għar-residenti tal-Kottonera, b'mod partikolari d-dawra ta' fejn hemm l-irmiġġi u dan għax ħafna mill-parking spaces qed jittieħdu għal ġranet sħaħ kemm minn min juża l-ferry għax-xogħol jew mis-sidien tad-dgħajjes?

20/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f’seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**BORMLA – TENDER GĦAL MULTI-LEVEL CAR PARK**

**3268. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B’referenza għall-mistoqsija parlamentari 1278, jista’ l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi żviluppi dwar pjanijiet sabiex il-multi-level car park li għalih kien inħareġ tender lura fis-sena 2014, jerġa’ jinħareġ u dan peress li żona li twaqqgħet quddiem l-Iskola Primarja ta' Bormla għal dan il-għan għadha fi stat ta' abbandun?

20/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**BIRGU – TRAFFIC CALMING**

**3269. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jara li jsir xi traffic calming fit-triq mill-Bieb ta’ Dock One sa ħdejn Café Riche, Birgu peress li qed ikun hemm sewqan esaġerat?

20/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f’seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**BORMLA – ISTALLAZZJONI TA’ LIFT**

**3270. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1033, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm progress fuq l-istallazzjoni ta' lift fi blokka appartamenti, meta l-Ministru kien irrisponda li l-Awtorità tad-Djar għaddejja bil-preparazzjonijiet tagħha sabiex jitlesta l-BOQ tal-bini tax-shaft għal dan il-lift sabiex jiġi inkluż mal-offerta li jmiss li hija ppjanata li tinħareġ fiż-mien li ġej?

20/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tender komplut, inkluż il-BOQ imsemmi, ġie mħejji mil-lat tekniku u ġie mmexxi għall-fażi suċċessiva biex tkun maħruġa l-offerta.

Seduta 36
24/10/2022

**AVUKAT ĠENERALI – ĦRUĠ TA' NOLLE PROSEQUI U/JEW ORDNI**

**3273. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il *nolle prosequi* u/jew ordni li ma għandhom jittieħdu ebda proċeduri skont l-artikolu 569(6) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) inħarġu mill-Avukat Ġenerali u x'kienu l-akkużi li dwarhom inħareġ in-*nolle prosequi* u/jew ordni mill-Avukat Ġenerali?

20/10/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kwistjonijiet li jirrigwardaw Inkjesti Maġisterjali huma fin-natura tagħhom kunfidenzjali.

Seduta 36
24/10/2022

**SANTA LUĊIJA – TRIQ IŻ-ŻNUBER – LIFT FI BLOKKA**

**3278. L-ONOR. KATYA DE GIOVANNI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jispjega meta u kif ser isir il-lift fil-blokka li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament f'Santa Luċija?

20/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellantali lift fiż-żewġ partijiet komuni ta' dan il-blokk (Entratura għall-appartamenti 1-8 u Entratura għall-appartamenti 9-16) ma jistax jiġi akkomodat peress li l-ispazju disponibbli mhuwiex biżżejjed. Ir-residenti tal-appartamenti 1-8 ġew infurmati bl-eżitu permezz ta' ittra datatafil-11 ta' Ottubru 2017 filwaqt li r-residenti tal-appartamenti 9-16 ġew infurmati b'dan fis-6 ta' Jannar 2020.

Seduta 36
24/10/2022

**SANTA LUĊIJA – BUS SHELTERS**

**3279. L-ONOR. KATYA DE GIOVANNI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jispjega meta u kif ser isiru x-xogħlijiet fuq il-bus shelters f'Santa Luċija u jekk f'dan ir-rigward hux qed issir kordinazzjoni mal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar?

20/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 36
24/10/2022

**IS-SERVIZZI TAL-LEAP**

**3281. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jispjega fid-dettal is-servizzi kollha li qed jingħataw miċ-Ċentri LEAP u jekk dawn iċ-Ċentri għandhomx is-servizz tal-Outreach biex jintlaħqu aktar mill-qrib, persuni vulnerabbli?

20/10/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li minn Jannar 2019, is-servizz li kien jingħata mill-programm LEAP għadda għand l-Aġenzjia għas-Servizzi Terapewtiċi u tal-Komunità (ACTS). Hekk kif gwidat mill-Politika Strateġika Nazzjonali għal tnaqqis fil-faqar u l-inklużjoni soċjali (2014-2024), l-għan ewlieni tibqa' l-ħidma multidixxiplinarja fil-komunità favur tisħiħ tal-iżvilupp soċjali ħolistiku.

L-Aġenzija għandha numru ta' Ċentri għall-Familji fil-Komunità madwar Malta, speċifikament fil-Qawra, fil-Mosta, fl-Imsida, fil-Belt Valletta, fil-Birgu, f'Sta Luċija, f'Ħal-Qormi, f'Ħaż-Żabbar, f'Ħal-Kirkop u f'Marsaskala. Minn dawn iċ-ċentri, l-Aġenzija toffri is-servizz ta' *Community Social Work* u *Community Mentoring* li huma mibnija fuq il-prinċipji ta' żvilupp tal-komunità. Hemm ukoll ċentru simli fir-Rabat, Għawdex, immexxi mid-Direttorat għas-Servizzi f'Għawdex, li joffri wkoll kemm dawn is-servizzi u kemm is-servizzi l-oħra kollha tal-Fondazzjoni ġewwa l-gżira Għawdxija.

Permezz ta' din il-ħidma, il-familji u l-komunitajiet ikollhom kwalità ta' ħajja aħjar mibnija fuq is-sisien ta' żvilupp soċjali sostenibbli. Il-qofol tal-ħidma soċjali fil-komunità jintlaħaq billi jiġu ndirizzati problemi soċjali li jkunu qed itaqqlu il-ħajja ta' tfal, familji u individwi oħra fil-komunità. Is-servizzi huma mibnija fuq filosofija iffukata fuq il-klijent fil-kuntest tal-komunità li jgħix fiha. Għaldaqstant minn kull ċentru issir ħidma favur tisħiħ tan-*networks* soċjali u billi jsir użu minn servizzi u riżorsi li jeżistu fil-komunità bħala mezz effettiv kif jinstabu soluzzjonijiet li jkun addatati għall-kommunitajiet rispettivi. Permezz tal-*community development workers* jinbnew ukoll *partnerships* mar-residenti u gruppi importanti għall-komunità filwaqt li jħaddnu u jixprunaw kull opportunità mibnija fuq ġustizzja soċjali, ugwaljanza u inklużjoni.

Is-servizzi tal-professjonisti huma offruti bi pjan ta' kura bi qbil bejn il-partijiet nvoluti. Dan iservi bħala pjan ċar ta' x'inhu mistenni minn kulhadd filwaqt li jpoġġi miri speċifici ta' fejn wieħed irid jasal hekk kif ikun indikat mill-ezerċizzju tal-assesjar.

Is-servizzi tal-Aġenzija huma mibnija fuq perspettivi innovattivi u multi-dixxiplinarji. Fejn il-bżonnijiet jirrikjedu għajnuna speċjalizzata issir riferta (*referral*) għas-servizz ikkonċernat. Is-*Social Workers* u l-*Mentors* jagħmlu żjarat fid-djar, jiltaqgħu ma' professjonisti oħra relevanti għall-kaz, kif ukoll jattendu għall-*case conferences* skont il-bżonn. Ikun hemm drabi fejn il-klijenti jiġu akkumpanjati għal xi visti li jkunu importanti bħal sptar jew laqgħat tal-iskola.

Permezz ta' numru ta' *outposts* fejn professjonisti jiltqgħu mal-membri tal-komunità, darba f'ġimgħa fl-Isla, f'Bormla, fix-Xgħajra, f'Birżebbuġa, fil-Fgura, f'Raħal Ġdid, f'Birkirkara, fil-Furjana u fir-Rabat, l-Aġenzija tagħmel *Outreach* ma' persuni li tradizzjonalment ma jersqux lejn is-servizz fil-komunita'. Dawn l-*outposts* iservu bħala waħda mill-għodod tal-Aġenzija sabiex isir *outreach* ma' min huwa vulnerabbli jew għandu diffikultajiet iżda jsibha diffiċli jersaq lejn is-servizzi formali. Dan huwa possibbli bi sħab ma' entitajiet oħra fil-komunita' bħal parroċċi u kunsilli lokali li mhux biss jipprovdu post għall-professjonisti iżda jgħinu persuni b'diffikultajiet jersqu lejn l-imsemmija servizzi. *Outpost* simili, immexxi wkoll mid-Direttorat għas-Servizzi f'Għawdex, huwa dak offrut minn Marsalforn, Għawdex.

Permezz ta' inizjattivi oħra fil-komunità, l-istaff tal-Aġenzija jieħu sehem attiv f'*outreach* ta' forom differenti skont il-bżonn tal-komunita' u tar-residenti tagħha. Dan isir permezz ta' żjarat fid-djar ta' persuni li ma jibbenefikawx mis-servizzi, visti f'toroq fil-komunita' (magħruf ukoll bħala *mapping*) u attivitajiet fil-komunità li fihom ikunu mistiedna residenti tal-komunità,fost oħrajn.

L-Aġenzija temmen ukoll fil-ħiliet u l-abilitajiet tar-residenti. Din il-perespettiva tgħin sabiex inħarsu lejn residenti mhux biss bħala persuni vulnerabbli iżda ukoll biex nidentifikaw liema ħiliet u abilitajiet, tagħhom u tal-oħrajn, jistgħu jgħinuhom biex jegħlbu d-diffikultajiet tagħhom.

Seduta 36
24/10/2022

**KUNSILLI LOKALI MARSASKALA/ŻEJTUN: IMMANIĠJAR AĦJAR TAL-INDAFA**

**3282. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi pjani hemm biex tingħata l-aktar għajnuna possibbli lill-Kunsilli Lokali ta' Marsaskala u ż-Żejtun biex jimmaniġġaw aħjar l-indafa fil-lokalitajiet tagħhom?

20/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-Gvern huwa dejjem kommess li jgħin lill-Kunsilli Lokali rispettivi sabiex ikunu jistgħu jilħqu l-miri tagħhom b'suċċess. Sadanittant, permezz ta' ħidma interministerjali, għaddej proġett-pilota flimkien mad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Kunsilli Lokali interessati se jkunu jistgħu jipparteċipaw.

Seduta 36
24/10/2022

**KUNSILLI LOKALI - MIRI**

**3283. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jindika x'inhuma l-miri tal-Kunsilli Lokali fil-preżent sabiex itejbu s-servizzi tagħhom?

20/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt il-feedback tal-Kunsilli Lokali kollha għal din id-domanda peress li fid-domanda qed issir referenza ghall-miri tal-Kunsilli Lokali nfushom.

Seduta 36
24/10/2022

**ANZJANI - PROĠETTI U INIZJATTIVI MWETTQA MILL-KUNSILL LOKALI**

**3284. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jindika xi proġetti u inizjattivi twettqu favur l-anzjani mill-Kunsilli Lokali ta' Marsaskala u ż-Żejtun fis-sena 2021 u sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

20/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala li l-Kunsill qiegħed fil-proċess li jkollu vann elettroniku sabiex ikun jista' jintuża u jkun t'għajnuna għall-anzjani fil-qadi tagħhom. Dan is-servizz mistenni jibda s-sena d-dieħla.

Ninsab infurmat ukoll mill-Kunsill Lokal taż-Żejtun li matul is-sena 2021 apparti li saru diversi żjarat, ħarġiet u attivitajiet għall-anzjani, il-Kunsill nieda proġett għal servizz ta' trasport komunitarju li għalih ġew approvati l-fondi kif ukoll saret is-sejħa tal-akkwist. Dan is-servizz mistenni jibda fix-xhur li ġejjin.

Seduta 36
24/10/2022

**ANZJANI LI HUMA VULNERABBLI**

**3285. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' anzjani li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità żżomm kuntatt regolari magħhom permezz tat-telefon minħabba li huma vulnerabbli? X'għandhom jagħmlu dawk l-anzjani li jixtiequ jirċievu dan is-servizz?

20/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità jagħmel kuntatt mal-anzjani permezz ta' diversi servizzi li joffri, skont il-bżonnijiet tal-persuna, u mhux permezz ta' servizz speċifiku biss. Servizz komuni huwa s-servizz tat-Telecare fejn mill-bidu ta' din is-sena sa Settembru tal-2022 saru 21,524 telefonata lill-anzjani.

Anzjani li jixtiequ jibbenefikaw mis-servizzi tad-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità jistgħu jċemplu 153 jew liċ-Ċentru Servizz Anzjan fuq 22788900. F'każ ta'anzjani Għawdxin, jistgħu jċemplu fuq 22788238 jew ifittxu aktar informazzjoni fuq is-sit elettroniku: www.activeageing.gov.mt. Kopja tal-link qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Anzjani jistgħu wkoll iżuru Ċentru Servizz Anzjan ġewwa l-Belt Valletta jew ir-Rabat, Għawdex, kif ukoll il-kunsilli lokali.

Seduta 36
24/10/2022